MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-12 ta' Ġunju, 2020

Appell Inferjuri Numru: 335/2018/1LM

**Ballut Blocks Services Limited (C 8360)**
*(l-appellata)*

***vs.***

1. **Mark Micallef (K.I. numru 223277M) u**
2. **Claire Micallef (K.I. numru 150076M)**

*(l-appellanti)*

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimati **Mark Micallef** u **Claire Micallef** [minn issa 'l quddiem "l-appellanti"] mid-deċiżjoni mogħtija fil-31 ta' Ottubru, 2019, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mit-Tribunal Għal Talbiet

Żgħar [minn issa ’l quddiem “it-Tribunal”], li permezz tagħha ddeċieda billi ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-appellanti filwaqt li laqa’ t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti **Ballut Blocks Services Limited** [minn issa ’l quddiem “is-soċjetà appellata”], u ordna lill-appellanti jħallsu lill-appellata s-somma ta’ elf ħames mija u ħdax-il Euro u ħdax-il ċenteżmu (€1,511.11) flimkien mal-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 2287/17.

**Fatti**

2. Il-fatti ta’ din il-kawża jirrigwardaw pretensjoni ta’ ħlas għal konsenja ta’ konkos u ta’ siment magħmula mis-soċjetà appellata lill-appellanti, flimkien ma’ pretensjoni ta’ ħlas ta’ kumpens għall-kiri ta’ *concrete pump* sabiex jingħata l-imsemmi konkos.

**Mertu**

3. Is-soċjetà appellata istitwiet proċeduri quddiem it-Tribunal permezz tal-preżentata ta’ Avviż fl-20 ta’ Lulju, 2018, fejn talbet lill-imsemmi Tribunal sabiex jiddikjara li l-appellanti kienu dovuta jħallsuha solidalment bejniethom, is-somma ta’ €1,511.11 rappreżentanti prezz ta’ konkos u ta’ siment mibjugħ u kkonsenjat lilhom, flimkien mal-ħlas tal-kiri ta’ *concrete pump*.

4. L-appellanti laqgħu għat-talba tas-soċjetà appellata billi eċċepew li t-talbiet tagħha kienu infondati fil-fatt u fid-dritt. Mingħajr preġudizzju għal din

l-eċċezzjoni, huma eċċepew ukoll li l-ammont ma kienx dovut stante li l-materjali kkonsenjati ma kinux tal-kwalità patwita.

**Is-Sentenza Appellata**

5. It-Tribunal wasal għas-sentenza appellata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

*"Ikkunsidra:*

*Illi mill-provi rriżulta illi l-konvenut talbu kwantità ta' konkos tal-grad C15 lis-soċjetà attriċi, u dan sabiex jittella' fuq il-bejt permezz ta' pompa.*

*Illi l-konvenut jgħid li min-naħa tiegħu lis-soċjetà attriċi ma tahiex struzzjonijiet biex iżżid ilma mal-konkos waqt li dan kien qed jingħata.*

*Illi skond erba' kampjuni li ttieħdu tal-konkos in kwestjoni, is-saħħa tal-konkos fornit fit-tielet vjaġġ kienet tvarja bejn 10.5 u 10.9. Il-kampjuni ttieħdu mill-konkos frisk tat-tieni bajla.*

*Illi s-soċjetà attriċi, apparti l-konkos elenkat fl-*invoice*, biegħet ukoll lill-konvenuti żewġ (2) xkejjer siment, oltre li talbet ukoll ħlas għall-użu tal-pompa. Dakinhar li ngħata l-konkos mertu tal-kawża, dan kien ġie trasportat f'erba' (4) vjaġġi separati. Fit-tielet vjaġġ minn dawn l-erbgħa, kien żdied l-ilma mal-konkos, u dan għal darbtejn, u dan peress li l-kuntrattur dam biex iħott il-konkos.*

*Illi waqt l-għoti tal-konkos kien mar fuq il-post Vincent Apap, missier il-konvenuta, u skond hu mar fuq il-post speċifikament biex jara li ma jingħatax ilma lill-konkos.*

*Illi l-konvenuta Claire Micallef ċaħdet li l-firem fuq id-*delivery notes *tal-konkos huma tagħha.*

*Illi l-konvenut ma jiċħadx illi fil-fatt il-volum, tal-konkos konsenjat kien dak kif reklamat mis-soċjetà attriċi.*

*Illi x-xufier tas-soċjetà attriċi Paul Chetcuti, u ċioé dak li wassal il-konkos bit-trakk, qal illi l-ilma jkun żdied mal-konkos waqt li dan ikun qed jingħata, u dan fuq*

*struzzjonijiet tal-kuntrattur. Qal ukoll illi l-firma fuq id-*delivery note *issir fl-aħħar nett, u dan wara li l-ilma jkun żdied; għalhekk meta d-*delivery note *tiġi ffirmata, ikun hemm diġà indikat fuqha li jkun żdied l-ilma.*

*Illi l-qofol tal-argument fil-kawża odjerna għalhekk huwa jekk ġiex konsenjat il-volum u l-kwalità tal-konkos miftiehem. Kif ġià fuq imsemmi, il-volum tal-konkos diġà ġie aċċettat mill-konvenut. Il-punt ta' kontenzjoni huwa jekk il-kwalità tal-konkos kinitx dik miftehma jew le. Is-soċjetà attriċi tikkontendi li l-konkos, partikolarment, dak li saru test fuqu, żdiedlu l-ilma fuq struzzjonijiet tal-kuntrattur tal-konvenuti, mentri l-konvenuti jsostnu li l-konkos ma żdiedlu l-ebda ilma. It-Tribunal jara però ċerti kontradizzjonijiet fil-verżjonijiet tal-konvenuti li jagħmlu l-verżjonijiet tagħhom inqas kredibbli minn dawk tas-soċjetà attriċi. Fost oħrajn Vincent Apap jgħid li kien mar fuq il-post speċifikament biex jiżgura li ma kienx ħa jiżdied l-ebda ilma mal-konkos. It-Tribunal jara dan kemmxejn inverosimili anke għaliex il-konvenuti, kif iddikjaraw huma stess, inkarigaw kuntrattur sabiex jagħti l-konkos tal-kontra-bejt in kwestjoni u kien sta għal dan il-kuntrattur li jiddeċiedi jekk jiżdiedx ilma jew le. Lanqas ma jemmen it-Tribunal iċ-ċaħda totali da parti tal-konvenuti li l-firma imniżżla fuq id-*delivery notes *mhijiex tagħhom. Għalkemm mitluba jesebixxu r-riċevuta tal-kuntrattur barrani minnhom inkarigat, dawn baqgħu m'esebewiex, u esebew biss* invoice *mingħand ċertu P. Barone u l-kopja tal-klijent relattiva għall-*bank draft *li biha ħallsu lill-istess kuntrattur. Mir-riċevuta nfisha. Iktar minn hekk, saret prova oġġettiva mis-soċjetà attriċi illi l-konkos fit-tielet vjaġġ dam ħafna biex inħatt, anzi għat-Tribunal dam dewmien esaġerat. Dan għaliex seba' jardi konkos ħadu 'l fuq minn sagħtejn biex ingħataw. It-Tribunal, mill-assjem tal-provi, mhuwiex konvint li s-soċjetà attriċi b'xi mod żidet l-ilma minn jeddha mal-konkos, u ma jirriżultax li għandha taħti s-soċjetà attriċi għall-kwalità tal-konkos li finalment ingħatat, anke jekk stess kienet ta' grad inqas minn dak patwit.*

*Illi fuq kollox it-Tribunal osserva illi għalkemm il-konvenuti ilmentaw li l-konkos mogħti kien ta' grad anqas, huma ppermettew li l-kontra-bejt jitħalla b'dan il-konkos, u ma ġabu l-ebda prova li huma qalgħu mill-ġdid dan il-kontra-bejt u għamlu ieħor minfloku; kien ikun differenti totalment kieku l-konvenuti protestaw dwar il-kwalità tal-konkos immedjatament u ssenjalaw dan lis-soċjetà attriċi; minn dan iżda ma sar xejn. Il-konvenut kellhom kieku riedu azzjoni speċifika provduta lillhom mil-liġi f'dawk il-każijiet fejn il-materjal provdut ma jkunx tal-kwalità pattwita; iżda l-konvenuti ma użawx din l-istess azzjoni. Il-konvenuti issolevaw il-lamentela tagħhom dwar il-grad tal-konkos propju meta rċivew il-kawża odjerna; ħaġa li t-Tribunal jidhirlu li tkompli ddgħajjef it-teżi tagħhom.*

*Illi għar-raġunijiet fuq imsemmija, it-Tribunal sejjer jiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.*

**Ir-Rikors tal-Appell**

6. L-appellanti ppreżentaw ir-rikors tal-appell tagħhom fid-19 ta' Novembru, 2019, fejn talbu lil din il-Qorti sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata, billi tiċħad it-talbiet tas-soċjetà appellata u tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-imsemmija soċjetà appellata. L-appellanti jgħidu li jħossu ruħhom aggravati bis-sentenza tat-Tribunal għaliex (a) dan għamel apprezzament ħażin tal-provi miġjuba quddiemu; (b) l-oneru tal-prova kien fuq is-soċjetà appellata; (ċ) id-*delivery note* tat-tielet vjaġġ kellha tiġi skartata bħala prova; u (d) ma kienx minnu li huma ressqu l-ilment tagħhom mas-soċjetà appellata fir-rigward tal-materjal difettuż proprju wara li rċevew l-atti tal-kawża odjerna.

**Ir-Risposta tal-Appell**

7. Is-soċjetà appellata min-naħa tagħha qiegħda ssostni li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u għalhekk timmerita konferma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellanti flimkien mas-sottomissjonijiet tas-soċjetà appellata, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal fis-sentenza appellata.

*L-ewwel aggravju: it-Tribunal għamel apprezzament ħażin tal-provi*

9. L-ewwel aggravju mressaq mill-appellanti huwa dwar l-allegat apprezzament ħażin tal-provi magħmul mit-Tribunal. Filwaqt li jiċċitaw diversi sentenzi tal-qrati, huma jagħrfu li huwa prinċipju ben stabbilit li Qorti tal-Appell ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi magħmul minn qorti jew tribunal tal-ewwel istanza, iżda dan sakemm l-apprezzament ikun jirrifletti r-realtà. Fil-każ odjern irriżulta mill-*concrete supplier's delivery note information,* li fil-ħin li ttieħdu l-kampjuni tal-konkos, ma kien hemm l-ebda żieda ta' materjal jew likwidu, ossija *additive,* u l-konkos kien tal-grad 15. Iżda mid-dokumenti u l-fatti l-oħra ppreżentati waqt is-smigħ tal-kawża odjerna, irriżulta li l-konkos fornit kien ta' grad 10.9. Issa t-Tribunal ma kienx emmen lill-appellanti meta ċaħdu li l-firem fuq id-*delivery notes* kienu tagħhom, u dan filwaqt li l-appellanti kienu ressqu l-aħjar prova permezz tal-kopja tal-karta tal-identità tagħhom.

10. Min-naħa tagħha s-soċjetà appellata tirrileva li l-argument tal-appellanti li ma kienx hemm żieda tal-ebda *additive,* jiġifieri anki ta' ilma, kien argument ġdid u għalhekk ma setgħux jissottomettu li t-Tribunal f'dan ir-rigward kien għamel apprezzament ħażin tal-provi. Tispjega li fl-industrija tal-manifattura tal-konkos, il-kelma *additive* ma kinetx tfisser ukoll ilma. Fil-każ odjern mid-*delivery note* kien joħroġ ċar li kienet saret żieda ta' ilma għaliex kien hemm notament fuqha li jgħid *"additional water authorised"*. Min-naħa tiegħu t-Tribunal kien sab li l-ilma kien ġie miżjud fuq talba tal-kuntrattur inkarigat mill-appellanti. Is-soċjetà appellata tagħlaq billi tissottometti li l-appellanti ma

ppreżentawx raġuni gravi sabiex jiġu skartati l-konklużjonijiet milħuqa mit-Tribunal fis-sentenza appellata, anki fir-rigward ta' dak li ġie deċiż dwar il-firma fuq id-*delivery note*.

11. L-argument miġjub mill-appellanti jirrigwarda l-informazzjoni mniżżla f'Dok. B[1] maħruġ mis-soċjetà Solid Base Laboratory Ltd u li huwa ntestat *'FRESH/HARDENED CONCRETE TEST CERTIFICATE'*. Issa huwa minnu li t-Tribunal naqas milli jagħmel eżami ta' dan id-dettall, iżda l-Qorti tgħid li l-appellanti ma jistgħux jargumentaw li dan wassal għal deċiżjoni inġusta fil-konfront tagħhom u ġaladarba huma qegħdin iressqu dan l-ilment, din il-Qorti ma tistax ma tagħmilx evalwazzjoni tal-mod kif sar l-apprezzament tal-provi mit-Tribunal. Il-Qorti ssib li s-sottomissjonijiet tal-appellanti mhumiex validi u tikkunsidra li ma jistax jingħad, kif qegħdin jgħidu huma, li dan id-dokument kien xhieda ta' dak li kienet qiegħda ssostni s-soċjetà appellata li l-ebda ilma ma ġie miżjud mal-konkos. Din il-Qorti taċċetta s-sottomissjoni tas-soċjetà appellata li t-tifsira tal-kelma *additive* kif magħrufa fl-industrija tal-manifattura tal-konkos ma kinitx tinkludi wkoll l-ilma. Għalhekk l-appellanti ma jistgħux jistrieħu fuq dan id-dokument bħala prova li l-konkos ma kienx ġie miżjud bl-ilma, filwaqt illi jkomplu jsostnu li xorta waħda l-konkos ma kienx tal-kwalità patwita.

12. Għal dak li huma s-sottomissjonijiet tal-appellanti fir-rigward tad-deċiżjoni tat-Tribunal li għażel li ma jemminx iċ-ċaħda tagħhom li l-firma fuq id-*delivery notes*[2] ma kinitx tagħhom, din il-Qorti ma tarax raġuni konvinċenti u

---

[1] *A fol.* 34 tal-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal.

[2] *A fol.* 53 sa 56 tal-atti tal-kawża quddiem it-Tribunal.

suffiċjenti biżżejjed sabiex ma taqbilx mat-Tribunal. Huwa minnu li l-firma fuq il-karta tal-identità tal-appellanti Claire Micallef mhijiex l-istess bħal dawk li jidhru fuq id-*delivery notes.* Hawnhekk tqum il-kwistjoni dwar min awtorizza ż-żieda tal-ilma mal-konkos u hija rilevanti x-xhieda ta' Paul Chetcuti, xufier tas-soċjetà appellata li kkonsenja l-konkos. Fir-rigward tal-firma li tidher fuq id-*delivery notes* huwa jgħid:

> *"Il-firem ta' sid jew il-kuntrattur jiffirmalna fhimt, ma nkunux nafu min ... Jiena min hi eżatt ma nafx, għaliex il-bniedem ma nkunx naf min hu. Però jiena din il-karta ġiet iffirmata u l-50 litres u l-50 litres, kienu mniżżlin x'ħin iffirma l-karta żgur."*

Kemm l-appellanti u anki missier l-appellanta Claire Micallef, xehdu bil-qawwa kollha li l-firma ma kinitx tagħhom, iżda ħadd minnhom ma kkonferma li l-firma lanqas kienet tal-kuntrattur inkarigat sabiex isir il-kontrabejt. Din il-Qorti tosserva li min-naħa tagħhom, għalkemm kien hemm inverżjoni tal-provi, l-appellanti naqsu milli jressqu prova suffiċjenti li dakinhar ma ngħataw l-ebda struzzjonijiet, lanqas mill-kuntrattur jew persuna oħra, għal żieda tal-ilma mal-konkos.

13. Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti ma ssibx l-ewwel aggravju tal-appellanti ġustifikat u tiċħdu.

*It-tieni aggravju: l-oneru tal-prova kien fuq is-soċjetà appellata*

14. L-appellanti qegħdin jippretendu li l-oneru tal-prova dwar min ta struzzjonijiet lix-xufier Paul Chetcuti sabiex iżid l-ilma mal-konkos, kien proprju jaqa' fuq is-soċjetà appellata. Jissottomettu li s-soċjetà appellata kellha turi li

(i) in-nuqqas tal-grad tal-konkos kien riżultat tal-ilma li ġie miżjud; u (ii) iż-żieda saret fuq struzzjonijiet tal-appellanti jew tal-kuntrattur tagħhom.

15. Is-soċjetà appellata tilqa' billi tissottometti li għal darb'oħra l-appellanti qegħdin jagħmlu kritika tal-apprezzament tal-provi magħmul mit-Tribunal mingħajr ma jressqu raġuni tajba sabiex il-konklużjoni tiegħu tiġi skartata. Tikkontendi li hija tikkonsenja l-konkos biss u mhijiex responsabbli sabiex jitqiegħed. Hija kienet żammet mal-ħin li fih kellu jiġi kkonsenjat il-konkos u bl-istess mod il-kuntrattur kellu jżomm ukoll mal-ħin. Jekk imbagħad il-kuntrattur inkarigat mill-appellanti, kif ġara fil-każ odjern, jagħti struzzjonijiet sabiex jiżdied l-ilma, hija ma kinitx ser tindaħal għaliex il-kwistjoni kienet *res inter alios acta.* Tissottometti li l-aktar punt kruċjali li l-appellanti naqsu milli jindirizzaw fir-rikors tal-appell, kien proprju wieħed legali, jiġifieri li huma ma riedu jħallsu xejn għaliex il-konkos ma kienx tal-kwalità patwita. Dan kien ifisser li huma kienu qegħdin jistrieħu fuq l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili, li jagħti d-dritt li jiġi rifjutat l-oġġett ikkonsenjat, filwaqt li jintalbu d-danni. Iżda l-appellanti ma kienu għamlu xejn minn dan, bi preġudizzju għall-pożizzjoni tagħhom.

16. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellanti meta huma jinsistu li kien jispetta lis-soċjetà appellata li turi li d-difett fil-konkos kien riżultat ta' żieda ta' ilma. Għall-kuntrarju ta' dak li qegħdin isostnu, il-prinċipju tal-liġi tal-evidenza jitlob li ġaladarba kienu l-appellanti li ressqu l-eċċezzjoni li l-konkos ma kienx tal-kwalità patwita minħabba ż-żieda tal-ilma miegħu, l-oneru tal-prova waqa' fuqhom. Kien proprju l-appellant Mark Micallef li fil-kawża odjerna ressaq il-possibilità mill-bidu nett li l-kwalità inferjuri tal-konkos kien riżultat ta' żieda

ta' ilma. Minn jeddu fix-xhieda[3] tiegħu huwa ddikjara, u dan b'risposta għal mistoqsija magħmula mill-avukat difensur tiegħu jekk inżdiedx l-ilma mal-konkos, li:

> *"Minn naħa tagħna żgur li le, minn naħa tagħhom mhux suppost għax l-ordni kien li l-kwalità kellu jkun ta' C15 mill-Perit. Jiġifieri minn naħa tagħna żgur li ma għednilhom iżidulu l-ilma,* definitely.*"*

Bl-istess mod, kien jispetta lill-istess appellati li jressqu prova li dan ma sarx min-naħa tagħhom, jiġifieri la minnhom u lanqas mill-kuntrattur. Iżda dan tal-aħħar qatt ma ttella' sabiex jixhed in sostenn ta' dak kollu allegat mill-appellanti. Hawnhekk il-Qorti tieħu inkonsiderazzjoni dak li jgħidu l-appellanti stess fir-rikors tal-appell tagħhom li:

> *"Illi għandu jingħad li huwa komunament magħruf li hemm tendenza skorretta li meta jingħata l-konkos bil-pompa għall-kontra-bejt, jiżdied l-ilma sabiex ikun eħfef għall-pompa u eħfef għall-*power trowel *(invellar bil-powerflawt)."*[4]

Għaliex proprju anki l-kuntrattur seta' gawda miż-żieda tal-ilma mal-konkos aktar u aktar meta wieħed jikkunsidra li skont l-i*stoppage report*[5] il-konkos dam madwar sagħtejn biex jinħatt. Jidher li l-appellanti saħansitra qegħdin jikkontendu li l-*concrete supplier's delivery note information* ma tixhidx il-verità, jiġifieri li l-konkos mill-ewwel ġie kkonsenjat ta' kwalità inferjuri minn dak li ordnaw. Anki hawnhekk kien hemm bżonn tax-xhieda tal-kuntrattur sabiex huwa wkoll jiddikjara li min-naħa tiegħu ma ngħataw l-ebda struzzjonijiet sabiex il-konkos jiżdied l-ilma miegħu u li l-firma allegatament

[3] Seduta 26 ta' Novembru, 2918, *a fol.* 25.
[4] *A fol.* 7.
[5] *A fol.* 61.

*"mhux identifikabbli",* ma kinitx tiegħu lanqas. B'hekk ukoll kien ikun ċar f'liema ħin ġie miżjud l-ilma, għaliex ċertament kuntrarjament għal dak li qegħdin isostnu l-appellanti, il-kampjun li fuqu sar l-eżami mis-soċjetà Solid Base Laboratory Limited ma jiddeterminax jekk kinux l-impjegati tas-soċjetà appellata li żiedu l-ilma jew dawk inkarigati mill-appellanti.

17. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li dan l-aggravju wkoll mhux ġustifikat u tiċħdu.

*It-tielet aggravju:* *dubju dwar l-integrità tad-*delivery note *tat-tielet vjaġġ*

18. It-tielet aggravju tal-appellanti jirrigwarda d-*delivery note* numru tlieta għat-tielet vjaġġ. Huma jtennu li din għandha tiġi skartata għaliex hemm differenza ta' nofs siegħa bejn id-9.30 meta ttieħed il-kampjun u bejn id-9.50 u l-10.00 meta t-trakk telaq bil-konkos mis-sit ta' Ballut Blocks.

19. Is-soċjetà appellata tissottometti li jista' jkun li l-ħin fit-*test reports* kien żbaljat, u jsaqsu x'differenza kien ser jagħmel jekk il-ħin fid-*delivery notes* ma kienx wieħed preċiż.

20. Il-Qorti tifhem li l-appellanti qegħdin jissuġġerixxu li filwaqt li l-ħin meta ttieħed il-kampjun kif indikat f'Dok. B a *fol.* 34 huwa korrett, il-ħin indikat fuq id-*delivery note* Dok. PC3 a *fol.* 55 meta it-trakk telaq bil-konkos huwa ħażin. Iżda huma ma jispjegawx kif waslu għal din il-konklużjoni, aktar u aktar meta

din il-Qorti tqis li l-i*stoppage report*[6] juri l-ħin proprju li t-trakk telaq kien fid-09:39:27.

21. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll ma jirriżultax li huwa ġustifikat u l-Qorti tiċħdu.

*Ir-raba' aggravju: il-konkos ma kienx tal-grad 15*

22. L-appellanti hawnhekk jirrilevaw li ma kienx minnu dak li kkostata t-Tribunal li huma ma kinux resqu l-ilment tagħhom dwar il-grad tal-konkos għajr hekk kif irċevew l-atti tal-kawża odjerna. Kif turi x-xhieda tal-appellant Mark Micallef, huma kienu ilhom f'diskussjonijiet mas-soċjetà appellanti sa minn Frar 2017, kif jixhdu sensiela ta' *emails* bejniethom. Dwar il-kwalità ta' konkos konsenjat lilhom, l-appellanti jissottomettu li ma kienx il-każ li l-konkos ma kienx tajjeb għall-użu, iżda li ma kienx tal-kwalità patwita b'mod li kien ser ikollu jinbidel qabel il-waqt. Għalhekk ma kienx il-każ li jinqala' iżda li jitħallas prezz għal materjal inferjuri minn dak li huma kienu talbu.

23. Is-soċjetà appellata ma tikkontestax dak li jgħidu l-appellanti fir-rigward tal-iskambju ta' *emails* bejniethom qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna u għalhekk din il-Qorti ma tarax għaliex għandha tikkunsidra s-sottomissjonijiet tal-appellanti u għalhekk qiegħda tastjeni milli tieħu konsiderazzjoni ulterjuri tagħhom.

---

[6] Dok. PC5 *a fol.* 61.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanti billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem it-Tribunal jibqgħu kif deċiżi, filwaqt dawk ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mill-appellanti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**